MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1256/2004

**Elmo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Altour Ltd u l-istess Altour Ltd**

**vs**

**Alexandra Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju, 2004, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm261.48) rappresentanti danni kkawzati mill-konvenuta u sborsati mill-atturi, in kwantu ghal Lm187.48 mis-socjeta attrici Elmo Insurance Limited u Lm74 mis-socjeta Altours Limited, in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f'San Pawl il-Bahar fis-17 ta' Settembru 2002 meta waqt li l-konvenuta kienet qed tirriversja vettura bin-numru JAN 711 habtet mal-vettura EAK 545, proprjeta tas-socjeta attrici Altours

Limited u misjuqa minn Vivienne Brown, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-8 ta' Novembru 2002, l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali (notifika wahda) presentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika tal-assikiurazzjoni tal-konvenut a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali b'effett mit-18 ta' Gunju 2004 sad-data ta'l-effettiv pagament kontra l-konvenuta, ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm261.48), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Gunju 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-8 ta' Novembru 2002, l-ispejjez ta'l-ittra ufficjali (notifika wahda) presentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika tal-assikiurazzjoni tal-konvenut a tenur ta'l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------